MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
FRANCESCO DEPASQUALE**

Seduta ta' l-1 ta' Frar, 2013

Avviz Numru. 390/2011

**Mobisle Communications Limited
(C 24655)**

**vs**

**William Amartey Amamoo
Numru tal-Passaport H2553246**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar it-18 ta' Novembru 2011 fejn is-socjeta' attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasaha s-somma ta' hames t'elef, mija u sittin Euro u tnejn u sittin centezmu (€5,160.62) rapprezentanti servizzi resi in rigward kontijiet 40181514, 40180076, 40182797 u 40182077 izda qatt imhallsa, kif ahjar deskritt fid-dokumentazzjoni pprezentata ma' l-avviz..

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mid-data ta' l-avviz sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimat li huwa ingunt in subizzjoni .

Rat illi l-avviz ghas-smigh tal-kawza u l-Avviz proprju gew imwahhla fl-Ghassa tal-Pulizija ta' Birkirkara, w il-Kunsill Lokali ta' Birkirkara fil-11 ta' Lulju 2012, u dan skond ir-riferti pozittivi tal-Marixxal Eugenio Mallia datati 11 ta' Lulju 2012 (fol 12 tergo).

Rat illi l-konvenut gie wkoll notifikat b'avviz li deher fil-Gazzetta tal-Gvern nhar is-26 ta' Ottubru 2012 (fol. 18) u fil-gazzetti lokali The Times of Malta fit-13 ta' Settembru 2012 (fol 15).

Illi fis-seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2013 is-socjeta' attrici pprezentat kapitolu fil-konfront tal-konvenut (fol 24).

Rat illi fis-seduti tal-18 ta' Jannar 2013 il-konvenut gie imsejjah izda ma deherx, la biex jikkontesta it-talba attrici u lanqas biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta' attrici tghid li d-debitu ghadu dovut issib li t-talba ta' l-istess socjeta' attrici tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici w tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames t'elef, mija u sittin Euro u tnejn u sittin centezmu (€5,160.62) kif ahjar deskritt fl-avviz.**

**Bl-ispejjez u bl-imghax kif mitluba kontra l-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------